Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TA' L-ERBATAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 5 ta' Diċembru 2012

**Ħin:** Mill-5pm sat-7.45pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (5.45pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tlettax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlettax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il Viċi-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li t-Tender għal servizz ta' *handyman* mal-Kunsill ħareġ u jagħlaq fit-28 ta' Diċembru 2012.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li t-talba lill-PPCD biex jiġu trasferiti flus mill-*Contingency Funds* biex jkopru l-ipejjez tal-*Large Format Locality Map* għal proġett tal-ERDF 205 ġew approvati u b'hekk ikun jista' jingħata l-kuntratt.

## 3. Korrispondenza

Email mingħand Transport Malta fuq talba ta'sid ta' garage fi Triq B. Bontadini kantuniera ma' Triq San Gabriel biex jiġu estiżi l-linji tal-*parking bays* eżistenti. Il-Kunsill jidhirlu li m'hemmx għalfejn dan isir u li qed jiċħad din it-talba.

Il-problema tal-parking bl-addoċċ quddiem l-iskola Stella Maris baqgħet tippersisti u jidher li ma sar xejn minn naħa tal-wardens biex jibdew iħarrku lil min ma jobdix ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Kunsill jidhirlu li din il-problema għandha tiġi diskussa f'livell ta' Reġjun u għandu jiġi nfurmat il-President tar-Reġjun Ċentru Dr. Malcolm Mifsud u s-Segretarju Eżekuttiv biex tittieħed azzjoni immedjata.

Ittra mingħand is-Sinjuri Staff li joqgħodu fi Triq San Valentin fejn fuq talba tagħhom li kienet saret fl-2003 rigward problemi ta' għargħar fi Triq San Valentin jekk kienux ittieħdu miżuri biex din il-problema tiġi kkontrollata. Il-Kunsill għandu jikteb lil-Perit D. Vassallo minn Transport Malta biex jistħarreġ xi provvedimenti kienu ttieħdu f'dan ir-rigward.

Skema 45/2012- Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Il-Kunsillier D. Zammit Marmara ser isejjaħ laqgħa tas-sottokumitat tiegħu biex jiddiskutu din l-iskema.

**F'dan il-ħin daħal is-Sindku li ħa s-siġġu tal-mejda**

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara ssottometta komunikazzjoni li ġiet mgħoddija lilu personali rigward sit ta' propjeta bl-isem 'Il-Pjazza' fi Triq Birbal. Qed jiġi lmentat li s-sit in kwestjoni mhix magħluqa sew u qed jidħlu fih persuni fejn qed isiru xi abbużi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu saru diġa' xi lmenti f'dan ir-rigward f'April ta' din is-sena u bħala Kunsill aħna nfurmajna lill-pulizija b'dan biex jistħarrġu l-każ. Huma minnufih għamlu aċċess fuq il-post fejn infurmaw lill-Kunsill li fil-post indikat hemm appartamenti li dalwaqt ser jiġu okkupati, kuntrarju għal dak li qed jgħid dak l-individwu li għamel l-ilment.

F'din il-komunikazzjoni l-individwu għamel xi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Pulizija. Is-Sindku ikomunika li bħala Kunsill ma jistax jonfoq flus pubbliċi fuq propjeta' privata u fuq l-allegazzjonijiet li saru din il-komunikazzjoni għandha tiġi mgħoddija lis-Surpretendent tal-Għassa għall-informazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. Rapport dwar l-Ilmenti

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. MEMO 49/2012- Skema Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara ser isejjaħ laqgħa tas-sottokumitat tiegħu biex jiddiskutu din l-iskema u jaraw x'inizjattiva sportiva tista' ssir fil-Lokalita ta' Ħal Balzan.

## 6. Progett ERDF 205- Xogħolijiet quddiem il-Bank HSBC

Wara li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni u informa lill-Bank li kien ser jibqa' jagħmel ix-xogħolijiet skont il-permessi maħruġa mill-MEPA, il-Bank baqa' jinsisti li għandhom jittieħdu provvedimenti meħtieġa minħabba l-vann tas-security tal-Bank.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ma jsibux oġġezzjoni li r-*Reserved Parking* ta' quddiem il-Bank isir skont l-esiġenzi tal-Bank imma mhux li jitneħħew il-parking bays l-oħra għad-detriment ta' dak l-individwu li jkun irid jipparkja. Għalhekk il-Kunsill talab lill-Project Administrator is-Sur Mark Causon biex ikellem lill-Perit tal-Kunsill biex jara x'jista' jsir.

## 7. <u>Kwotazzjoni ERDF 205/10/12- ' *Installation of a Marble Plaque with Bronze Lettering*'</u>

Is-Sur Mark Causon, Project Administrator tal-Kunsill għal-proġett ERDF 205 ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq ir-rapport li kien għamel fuq l-offerti li kienu ntefgħu f'dan ir-rigward fejn huwa qal li teknikament il-kwotazzjonijiet mitfugħa huma kollha validi għaliex innota li meta ħarget is-sejħa fuq il-kwotazzjoni ma kienitx imniżżla l-kelma *Marble* u għalhekk il-Kunsill għandu żewġ alternattivi, waħda li jkompli għaddej bl-aġġudikazzjoni imma jkun qed jirriskja li l-flus ma jingħatawx mill-fondi tal-ewropa u l-alternattiva l-oħra hi li terġa tinħareġ sejha għall-offerti ta' din il-plakka. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha terġa toħroġ sejħa għall-offerti.

## 8. <u>Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni-Sevizz ta' Handyman mal-Kunsill (BLC 1/12)</u>

Is-Segretarju talab lill-Kunsill biex jaħtar bord ta' evalwazzjoni għal servizz ta' *handyman* mal-Kunsill li s-sejħa tagħha tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea u l-Kunsilliera is-Sinjuri D. Zammit Marmara, G. Borg u S. Gatt biex ipoġġu fuq dan il-bord.

## 9. <u>Komunita' ta' Ħal Balzan- Tniġġiż tal-Ħsejjes- Diskussjoni</u>

Saret diskussjoni kostruttiva bejn il-Kunsilliera fuq x'jista' jsir u x'inizjattivi jistgħu jitniedu mill-Kunsill fil-lokalita' biex tittaffa din il-problema li kull ma jgħaddi ż-żmien qed tiżdied.

Il-Kunsill deherlu li għandu jikteb lill-Awtorita' tal-MEPA biex jgħin u jagħti pariri lill-Kunsill f'dan ir-rigward għaliex jidher li għad m'hemmx liġi fuq dan imma hemm *white paper* biss.

## 10. <u>Komunikazzjoni tas-Sindku</u>

Is-Sindku tkellem fuq l-email li kien bagħat lilu personali s-Sur Laferla li joqgħod Triq il-Providenza fejn għamel xi lmenti jew osservazjonijiet. Huwa talab lis-Sur Laferla biex ikellmu imma r-risposta tiegħu kienet li ma jridx ikellmu, imma jrid risposta bil-miktub. Is-Sindku qallu li jekk irid kollox bil-miktub huwa ser iressaq quddiem il-Kunsill il-kontenut ta' din l-email. Għal-laqgħa li jmiss is-Segretarju ser iressaq din l-email għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv kien qed jagħmel numru ta' telefonati fuq xogħol tal-Kunsill mill-mobile tiegħu. Għadaqstant ippropona li tinxtara linja u tiġi reġistrata fuq il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

## 11. <u>Approvazzjoni tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba lill-Kunsill biex jerfa' erba' u erbgħin siegħa mill-*vacation leave* tiegħu ta' din is-sena għas-sena d-dieħla 2013. Il-Kunsill skont ir-regolament 10(1) tar-riżorsi umani, unanimament approva dan il-leave.

## 12. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data sal-5 ta’ Diċembru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 23,425.76

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex juru li hija dokument korrett.

Is- Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjonijiet (Quot 611/12) minn fornituri ta’ għodda għal xogħolijiet fuq barra. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerti ta’ AFS Ltd u PTR Ltd peress li fil fehma tal-Kunsill dawn il-fornituri għamlu l-aħjar offerta.

## 13. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur S. Gatt tkellem fuq il-proġett tan-National Flood Relief fejn daħlulu xi lmenti li kienu qed isiru xi xogħolijiet anke matul il-lejl u għalhekk intervjena ma’ l-Awtoritajiet biex jindirizzaw din il-problema fejn jidher li ttieħdet azzjoni.

Is-Sur S.Gatt qed jissuġġerixxi li fi Triq Mikelang Refalo kantuniera ma’ Triq Birbal titwaħħal wide angle mirror.

Is-Sur S. Gatt talab li issa li Triq Guże Bonniċi tlestiet għandhom jerġgħu jinżebħu mill-ġdid il-lines taż-*zebra crossing* għaliex qed ikun hemm periklu.

Is-Sur D. Zammit Marmara ressaq talba ta’ resident li joqgħod fi Triq Sigismondo Dimech biex isiru xogħolijiet ta’ manutenzjoni ta’ pavimentar f’dik t-triq.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta’ Diċembru 2012 fil-5pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data